MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Numru 20/2007

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**AB**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fid-9 ta' Marzu 2007 kontra AB li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza lill-istess AB talli (1) ikkommetta stupru vjolenti aggravat, u cioe` talli, b'diversi

atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt sar minn axxendent u l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx ghalqet l-eta` ta' disa' snin; (2) ikkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taht l-eta`, u cioe` talli b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta`, tas-sess l-wiehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta` ta' tnax-il sena u sar minn axxendent;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Novembru 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabu lill-imsemmi AB hati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza izda minghajr l-aggravanti li r-reat gie kommess minn axxendent u li bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabuh hati tat-tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza izda minghajr l-aggravanti li r-reat gie kommess minn axxendent, iddikjarat lill-istess AB hati talli:

(1) fis-sajf tas-sena 1998 ikkommetta stupru vjolent aggravat, u cioe` talli b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' CD, b'dan li l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx ghalqet l-eta` ta' disa' snin, u dan skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

(2) fis-sajf tas-sena 1998 u fil-gimghat ta' wara, ikkommetta korruzzjoni aggravata ta' CD, tifla ta' taht l-eta', u cioe` talli b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni kkorrompa lill-istess CD, persuna ta' taht l-eta`, b'dan li d-delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta` ta' tnax-il sena u dan skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 31, 37, 198, 201(a), 202(g), 203(1)(a)(3) u l-*proviso* (a) taghha u l-*proviso* ta' l-artikolu 544 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-imsemmi AB ghall-piena komplessiva ta' ghaxar (10) snin prigunerija u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

**“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Joseph Mifsud, li jinsabu kollha registrati w cioe`:-**

**Li l-verdett dwar l-Ewwel Kap kien wiehed minimu;**
**Li r-reat gara hafna snin ilu;**
**Li dam ma gie rrappurtat;**
**Li ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-kommissjoni tar-reati;**
**Li l-hati kien taht l-eta` dak iz-zmien;**
**Li sa dak iz-zmien il-kondotta tal-hati kienet wahda nettissima;**

**“Qieset dak li qalet l-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant li jinsabu kollha registrati w cioe`:-**

**Li l-piena ghandha tkun fil-massimu taghha possibbli;**
**Illi wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh il-konsegwenzi li sofriet il-vittma w l-familja taghha partikolarment ommha;**
**Li jekk jista’ jkun ghandu jkun hemm garanzija mposta biex tipprotegi l-vittma w il-familja taghha;**

**“Rat illi l-piena bazika ghall-ewwel reat ta’ stupru vjolent hija dik ta’ minn tliet snin sa disa’ snin li biz-zieda ta’ zewg gradi ghar-reat kontinwat u grad iehor ghall-aggravanti li l-vittma ma kinitx ghalqet id-disa’ snin hija dik minn minimu ta’ erba’ snin u massimu ta’ tletin sena prigunerija;**

**“Rat li l-piena ghat-tieni reat kontinwat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, bl-aggravanti li l-vittma ma kienetx ghalqet l-eta` ta’ tnax-il sena tvarja minn minimu ta’ sentejn sa massimu ta’ tnax il-sena prigunerija.**

**“Qieset pero` li l-hati kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax-il (18) sena meta gew kommessi r-reati *de quo* w ghalhekk skond l-artikolu 37 tal-Kap. 9 jista’ jibbenifika minn riduzzjoni ta’ sa zewg gradi fil-piena fuq kull reat. Dan igib biex il-piena kumulattiva ghaz-zewg reati flimkien tkun tvarja bejn wahda minima ta’ sentejn u erba’ xhur bi tnaqqis ta’ zewg gradi w dik ta’**

**tlieta w ghoxrin sena bi tnaqqis ta’ grad wiehed fuq il-massimu w bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17(1)(b) tal-Kodici Kriminali;**

**“Qieset il-fedina penali tal-hati fejn ghal tliet darbiet kien instab hati ta’ sewqan ta’ vetturi bla licenzja w bla kopertura ta’ polza tal-assikurazzjioni kontra r-riskji ta’ terzi kif ukoll darba ta’ ksur tal-buon ordni, kliem oxxen, rifjut li jaghti l-partikolaritajiet tieghu lill-Pulizija w theddid ta’ Pulizija. Apparti multi, f’dan l-ahhar kaz gie ukoll moghti kundanna ta’ xahar prigunerija sospiza ghal sena. Irid jinghad pero` li dawn ir-reati gew kollha kommessi wara l-kommissjoni tar-reati mertu ta’ din il-kawza w li hu kien incensurat fiz-zmien taghhom;**

**“Qieset fuq kollox il-gravita` enormi tar-reati w l-effett li dawn kellhom fuq il-personalita` tal-vittma, kif xehdet hi stess u l-istragi familjari li gabu maghhom.”**

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi AB ipprezentat fl-24 ta’ Novembru 2009 fejn talab li din il-Qorti thassar il-verdett ta’ htija milhuq mill-gurati u tissostitwixxi ghalih verdett li l-akkuzat mhux hati ta’ l-ebda wahda mill-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-Att ta’ Akkuza, u konsegwentement thassar ukoll is-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena, u, fin-nuqqas, li tissostitwixxi l-piena karcerarja nflitta fuqu b’kull piena ohra li tkun taghmel aktar ghall-kaz; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Qabel xejn din il-Qorti se tikkunsidra zewg rikorsi li ntavola l-appellant fil-mori ta’ dan l-appell li permezz taghhom talab li jixhdu f’dan l-istadju CD u GH.

**6.** Permezz ta’ rikors tat-18 ta’ Gunju 2010, l-appellant talab li tigi prodotta CD sabiex tixhed, *inter alia*:

“1. Biex tispjega bid-dettal ic-cirkostanzi li wasslu biex hija taghmel l-istqarrija tas-6 ta’ Lulju 2005 quddiem is-Suprintendent Sharon Tanti addetta mal-iSkwadra ta’ Kontra l-Vizzji;

“2. Biex tispjega bir-reqqa l-allegazzjoni li hija giet abbuzata sesswalment mill-appellant fis-sajf tal-1998 f’karozza gewwa Hal-Far li kienet inbieghet minn missier l-appellant fis-27 ta’ Marzu 1997;

“3. Biex tispjega c-cirkostanzi kollha relatati mal-allegazzjoni dwar il-prezenza tad-demm meta hija kienet tigi allegatament stuprata mill-appellant.”

**7.** Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda li CD tat waqt il-guri. Jirrizulta li hija xehdet fit-tul u giet ukoll kontro-ezaminata fit-tul. Hija xehdet dwar il-punti kollha msemmija fir-rikors ta’ l-appellant u m’ghandhiex ghalfejn terga’ tigi prodotta biex forsi “tispjega aktar fid-dettal” punti ga` trattati. Dan mhuwiex l-intenzjoni wara l-artikolu 506 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-appellant kien debitament assistit waqt il-guri, u d-difensur tieghu ghamel dawk il-mistoqsijiet kollha li dehrlu necessarji a tenur tal-linji tad-difiza ta’ l-appellant. Ix-xiehda ta’ CD tista’ titqies wahda pjuttost ezawrjenti. Ghalhekk it-talba maghmula bir-rikors imsemmi tat-18 ta’ Gunju 2010 hi michuda.

**8.** Permezz ta’ rikors ta’ l-1 ta’ Ottubru 2010, l-appellant talab li tigi prodotta biex tixhed GH:

“1. Biex tispjega bid-dettal il-hin meta l-appellant kien imur ghand GH f’B’Bugia fil-week-end u meta kien jirritorna fid-dar tal-genituri tieghu f’Santa Lucia u l-hin meta CD kienet tittiehed minn GH ghand in-nanniet taghha fil-weekend u jekk kienx il-kaz li meta allegatament twettqu l-allegati abbuzi filwaqt li l-appellant kien ikun B’Bugia CD kienet tkun Santa Lucia bl-implikazzjoni li l-appellant ghandu alibi fondat;

“2. Biex tispjega jekk kellhiex dubju fondat jew letteralment ma emmnitx l-istorja ta’ CD in vista tad-diskrepanzi serji li kienu jikkaratterizzaw it-tesi ta’ bintha kemm fir-rigward ta’ (1) supra, dwar l-allegazzjoni li l-allegati abbuzi twettqu f’karozza li kellu KL qabel qabel twettqu l-allegati abbuzi billi din il-vettura kienet lehqet inbieghet sew qabel it-twettiq tal-allegati abbuzi kif ukoll

fil-kuntest tal-fatt li hija kienet osservat id-demm fil-qalziet ta' taht ta' bintha wara t-twettiq tal-allegati abbuzi;

"3. Biex tixhed dwar ic-cirkostanzi li wasslu ghat-tibdil tal-istqarrija li kienet ghamlet bintha fejn ammettiet li kienet ivvintat l-istorja li wasslet biex jittiehdu passi kriminali kontra l-esponent;

"4. Biex tispjega jekk kien xil-kaz li bintha kellha pregudizzju kontra l-appellant billi kien hemm suspett li l-istess kien kixef lil EF mal-awtoritajiet kompetenti fis-sens li EF kien qed jisraq l-elettriku b'dannu ghall-Korporazzjoni koncernata u jekk bintha ghandhiex relazzjonijiet ta' hbiberija mill-qrib ma' EF tant li meta l-konvivenza bejn EF u GH intemmet, CD ghazlet li tibqa' tghix fid-dar ta' EF flok fil-post fejn ommha ingabret."

**9.** Din il-Qorti, ezaminat ukoll ix-xiehda li tat GH waqt il-guri. Hawn ukoll jista' jinghad illi hija xehdet fit-tul u giet ukoll kontro-ezaminata fit-tul. Dwar l-alibi li l-appellant jghid li ghandu jirrizulta, jekk l-appellant kellu xi alibi dan kien semmai jezisti mill-bidu nett u kellha tkun il-linja principali ta' difiza tieghu. Barra minn hekk din il-Qorti nnutat kontradizzjoni fl-allegat alibi li jrid jipproduci l-appellant. Fir-rikors tieghu jghid li kien imur ghand GH f'B'Bugia fil-week-end. Fl-i*statement* tieghu jghid li s-Sibt filghodu jew il-pjazza kien ikun, jew il-bandli, jew jigri bir-rota mal-hbieb, jew kien ikun ghand EF l-farm tieghu. Missier l-appellant, fix-xiehda tieghu jghid li meta l-appellant spicca mill-iskola ta' sbatax sab xoghol ma' l-iscammel u kien jahdem kuljum mit-Tnejn sal-Hadd minn xis-6.00/6.30 a.m. sa xis-1.30 p.m. Kwantu ghall-allegat pregudizzju ta' CD kontra l-appellant minhabba dak li l-appellant allegatament ghamel fil-konfront ta' EF, dan kollu seta' liberament jissemma waqt il-guri. Il-punti l-ohra gew trattati meta kienet qed tixhed GH u mhux il-kaz li jergghu jitqajmu f'dan l-istadju. Mhuwiex il-kaz li xhud jigi riprodott ghax difensur iehor kien forsi jsaqsi xi mistoqsija ulterjuri jew xi mistoqsija b'mod differenti. Kwindi t-talba maghmula bir-rikors ta' l-1 ta' Ottubru 2010 hi michuda wkoll.

**10.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor: (1) li waqt il-guri sehhew irregolaritajiet procedurali li seta' kellhom influwenza fuq il-verdett; (2) li l-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex legalment u ragjonevolment setghu jaslu ghal verdett ta' htija ta' l-akkuzat; (3) li fi kwalsiasi kaz, fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena nflitta fuqu kienet wahda severa ferm.

**11.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant ghandu tliet ilmenti li sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*.

**12.** L-EWWEL ILMENT: L-appellant jghid li l-Qorti Kriminali ddecidiet illi waqt il-guri kellhom jissejhu biex jixhdu u jesebixxu kopja ta' certifikati medici li kienu rrilaxxjaw zewg tobba, fosthom id-Dottoressa Astrid Camilleri, li la kienu xehdu fil-kumpilazzjoni u lanqas ma kienu gew indikati fin-nota ta' l-Avukat Generali. Oltre dan, jilmenta l-appellant, l-ewwel Qorti hatret bhala perit lid-Dottoressa Astrid Camilleri li kienet ezaminat lil *omissis* bhala pazjenta privata taghha. L-appellant ikompli jissottometti s-segwenti:

"Illi hu minnu li skond is-sub-inciz (5) tal-art. 440 tal-Kodici Kriminali l-Qorti Kriminali ghandha s-setgha li jekk matul il-kawza ikun mehtieg jew utli li jinstema' xhud jew li wiehed ikollu taht ghajnejh dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-nota ta' xi wahda mill-partijiet din xorta wahda tista` *ex officio* tordna li jissejjah ix-xhud u tittiehed ix-xiehda tieghu jew li jingieb id-dokument jew l-oggett mhux imsemmi fin-nota. Izda fl-umli opinjoni tal-esponent dan is-sub-inciz ghandu jkun interpretat fid-dawl ta' dak li jiddisponi s-sub-inciz (4) tal-istess artikolu li xhud, dokument jew oggett li ma jkunux imsemmija fin-nota jistghu jingiebu jekk fost l-ohrajn l-akkuzat ma jkunx bata hsara. Fl-umli opinjoni tal-esponent din is-setgha tal-Qorti hi wahda eccezzjonali u ghalhekk hi suggetta ghal kundizzjoni li l-akkuzat, fost l-ohrajn, ma jkunx ser ibati hsara. Dan kemm ghax il-Qorti Kriminali hi Qorti ta' gudikatura u mhux Qorti ta' investigazzjoni, kemm ghax l-Imhallef li jippresjedi l-guri hu *supra partes* u ghalhekk indipendenti mill-partijiet fil-kawza, u kif ukoll ghax hekk

jitlob il-principju dwar l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

"Illi f'dan il-kaz l-akkuzat seta' effettivament bata hsara peress li ma kellux l-opportunita` li jivverifika dak li xehdu dwaru dawn ix-xhieda. Hu proprju ghalhekk illi l-ligi tesigi li fl-ewwel lok ix-xhieda ghandhom jixhdu waqt il-kumpilazzjoni u li d-dokumenti u oggetti rilevanti ghandhom jigu pprezentati waqt il-kumpilazzjoni u kif ukoll li dawn ghandhom jissemmew fin-nota tal-Avukat Generali meta jipprezenta l-Att tal-Akkuza.

"Oltre dan, fl-umli fehma tal-esponent, ghal fini ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, hu inkoncepibbli li persuna li jkollha relazzjoni professjonali ma' persuna li tkun qed tigi allegata li kienet il-vittma tar-reat li dwaru jkun qed isir il-process kriminali li tigi mahtura bhala espert fil-kaz kontra l-akkuzat.

"Illi f'dan il-kaz l-akkuzat seta' effettivament bata hsara wkoll peress li ma kellux l-opportunita` li jikkonsulta espert hu stess biex ikun jista' jivverifika dak li dwaru jkun irrelata l-espert."

**13.** Dwar il-fatt li gew esebiti zewg certifikati li ma kinux gew esebiti fil-kumpilazzjoni u l-fatt li ssejhu biex jixhdu Dr. Marthese Sciortino u Dr. Astrid Camilleri li la kienu xehdu fil-kumpilazzjoni u lanqas ma gew indikati mill-prosekuzzjoni bhala xhieda, din il-Qorti tirreferi ghad-digriet li tat l-ewwel Qorti fit-2 ta' Novembru 2009 mnejn jirrizultaw ir-ragunijiet ghad-decizjoni taghha:

**"Il-Qorti, in vista tal-fatt li minkejja li fis-seduta ta' dalghodu l-Qorti waqfet lix-xhud [**is-Supt. Sharon Tanti**] milli tghid x'kienu jghidu c-certifikati medici, fil-kontro-ezami, id-difiza ghamlet serje ta' domandi fuq dawn ic-certifikati, ix-xhud weriet kopja tac-certifikat ta' Dr. Sciortino u certifikat gdid rilaxxjat illum stess minn Dr. Astrid Camilleri, u l-Qorti thoss li f'dan l-istadju jew il-partijiet jaqblu li dawn huma awtentici jew inkella fin-nuqqas dawn ix-xhieda jigu ngunti f'dan l-istadju avolja ma xehdux fil-kumpilazzjoni, u**

**dan proprju minhabba li d-domandi dwarhom saru mid-difiza u issa la ssemmew u ntqal x'hemm fihom ma jistghux jigu mistura mill-gurati. Ghalhekk una volta l-prosekuzzjoni u d-difiza ma setghux jaqblu li dawn jigu esebiti f'dan l-istadju, il-Qorti qed tordna li fl-interess tar-ricerka tal-verita` jigu mharrka z-zewg tobba biex jixhdu dwar dawn ic-certifikati u jwiegbu kull domanda li ssirilhom fl-ezami u fil-kontro-ezami."**

**14.** Effettivament gew esebiti c-certifikati in kwistjoni u gew prodotti biex jixhdu Dr. Marthese Sciortino u Dr. Astrid Camilleri, u t-tnejn gew kontro-ezaminati mid-difiza. Fic-cirkostanzi spjegati mill-ewwel Qorti, dik il-Qorti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tiddeciedi kif iddecidiet. Dan setghet taghmlu bis-sahha ta' dak li jipprovdi s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 440 tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi:

**"Izda, jekk matul il-kawza jinstab li hu mehtieg jew utili li jinstema' xi xhud, jew li wiehed ikollu taht ghajnejh dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-nota minn ebda wahda mill-partijiet, il-qorti tista'** ***ex officio*** **tordna li jissejjah ix-xhud u li tittiehed ix-xiehda tieghu, jew li jingieb id-dokument jew l-oggett mhux imsemmi fin-nota."**

Inoltre l-ewwel Qorti kellha taghmlu in vista tal-mistoqsijiet li bdew isiru lis-Supt. Sharon Tanti mid-difiza stess. L-appellant ghalhekk ma jistax issa jippretendi li ma kellhiex tittiehed tali decizjoni ghax, skond hu, "ma kellux l-opportunita` li jivverifika dak li xehdu dwaru dawn ix-xhieda". L-ewwelnett huma xehdu dwar dak li kkonstataw meta ezaminaw lil CD. Inoltre kien hemm l-opportunita` li jigu kontroezaminati – u min-natura tal-mistoqsijiet deher car li d-difiza kellha diga` certa konoxxenza dwar il-materja li dwaru xehdu t-tobba – u huwa evidenti li l-appellant ma kellux verifiki x'jaghmel peress illi lanqas f'dan l-istadju ta' l-appell ma allega illi ghamel xi verifiki li b'xi mod jikkontradicu dak li xehdu l-imsemmijin tobba. Anzi jirreferi partikolarment ghax-xiehda ta' Dr. Astrid Camilleri sabiex isahhah it-tezi tieghu.

**15.** Kwantu ghan-nomina ta' Dr. Astrid Camilleri bhala espert, din il-Qorti tirreferi l-ewwelnett ghall-verbal tat-3 ta' Novembru 2009 li jghid hekk:

**"Il-Qorti nformat lill-avukati li bi hsiebha tinnomina lil Dr. Astrid Camilleri li kellha l-opportunita` li tezamina lil *omissis* meta l-kaz kien qed jigi investigat bhala perit mediku biex iz-zewg partijiet ikunu jistghu jsaqsuha mhux biss dak li hija kkonstatat imma occorrendo anke domandi li jgibu opinjoni minn din it-tabiba.**

**"Dr. Sant ghall-prosekuzzjoni ddikjarat li taqbel ma' dan is-suggeriment.**

**"Dr. Mifsud jirrimetti ruhu.**

**"Il-Qorti, tinnomina lil Dr. Astrid Camilleri bhala espert mediku biex tassisti lill-Qorti u lill-gurati fid-deliberazzjonijiet taghhom."**

Minn hawn jirrizulta li d-difiza ma oggezzjonatx, bhalma setghet taghmel, ghal tali nomina. Inoltre mix-xiehda ta' Dr. Astrid Camilleri jirrizulta illi d-difiza ghamlet numru ta' mistoqsijiet li kienu jirrikjedu opinjoni da parti tax-xhud. Id-difiza mbaghad uzat dak li qalet Dr. Camilleri biex issahhah l-argumenti taghha kemm waqt l-arringa kif ukoll waqt il-kontro-replika u sahansitra, kif inghad, issa fl-appell. Konsegwentement l-ewwel ilment qieghed jigi michud.

**16.** <u>IT-TIENI LMENT</u>: L-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma ppermettitlux li waqt il-kontro-ezami ta' GH jaghmel domandi relevanti u legittimi. Dwar dan l-ilment l-appellant jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet:

"Illi kif diga` ssemma aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors, wara li l-akkuzat kien gie pprezentat taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'konnessjoni ma' dan il-kaz u wara li kienet bdiet il-kumpilazzjoni fil-proceduri odjerni, ix-xhud GH, fil-kwalita` taghha ta' rapprezentata legali ta' bintha minorenni CD, l-allegata vittma f'dan il-kaz, fil-5 ta' Lulju

2005 ghamlet dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minnha stess li permezz taghha rrinunzjat ghal proceduri kriminali fil-konfront tal-akkuzat. L-istess GH tat din id-dikjarazzjoni lill-Ispettur Sharon Tanti fis-6 ta’ Lulju 2005. Dakinhar stess l-allegata vittma giet intervistata mill-istess Spettur Sharon Tanti u din qalet li kienet gidbet meta ghamlet l-allegazzjonijiet taghha dwar l-akkuzat. Madankollu l-proceduri kontra l-akkuzat tkomplew u fil-fatt sar l-Att tal-Akkuza u beda l-guri.

“Illi waqt l-ezami ta’ GH waqt il-guri, din ix-xhud giet mistoqsija jekk wara li hi kienet ipprezentat din ir-rinunzja kinitx hadet xi passi ulterjuri dwar din ir-rinunzja u din irrispondiet fin-negattiv.

“Illi waqt il-kontro-ezami ta’ din ix-xhud, saret domanda lix-xhud fis-sens jekk fil-fatt, wara li kienet tat ir-rinunzja lill-Ispettur Tanti, kinitx marret fl-ufficcju tal-Avukat Generali biex tistaqsi dwar x’kien gara mir-rinunzja taghha ghal proceduri kriminali. Din kienet ser tkun domanda li tigi segwita b’domandi ohra b’konnessjoni mal-istess fatti u li kienu jinfluwixxu dwar id-dikjarazzjoni li *omissis* kienet ghamlet lill-Ispettur Sharon Tanti u li permezz taghha kienet skagjunat lill-akkuzat.

“Illi b’konnessjoni ma’ dan l-incident procedurali l-esponent jixtieq jissottometti dan li gej:

(i) L-akkuzat ghandu kull dritt illi waqt il-kontro-ezami jaghmel domandi lil xhud, u dan anke b’mod dirett, dwar dak li x-xhud ikun iddepona fuqu waqt l-ezami.

(ii) Illi d-domanda tal-akkuzat u domandi sussegwenti bazati fuq it-twegiba tax-xhud kienu mportanti hafna ghall-akkuzat biex jistabilixxi fatti li setghu jimpingu fuq l-ezitu tal-kawza.

(iii) Illi l-ligi ma timponi l-ebda restrizzjoni dwar tali domanda u cioe` din il-mistoqsija ma kien fiha xejn li l-ligi ma tippermettix li ssir.

(iv) Illi d-decizjoni lamentata kienet wahda arbitrarja u m’ghandha l-ebda bazi fil-ligi.

(v) Illi d-domanda kienet wahda rilevanti. Illi anke f’kaz ta’ dubbju jekk domanda kinitx wahda rilevanti jew le,

kellu jinghata l-beneficcju tad-dubbju billi d-domanda ghandha tithalla ssir u tigi risposta.
(vi) Illi sakemm akkuzat permezz tad-domandi tieghu ma jippretendix li jaghmel xi haga kontra dak li specifikament tiddisponi l-ligi kellu jinghata l-fakolta` li jaghmel dawk id-domandi kollha li jkun jidhirlu xierqa li ghandu jaghmel u dan naturalment sakemm ma jkunux kontra l-ligi u sakemm ikunu relevanti ghall-kaz.
(vii) Illi l-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja hu suprem u ghalhekk kull haga li ma tkunx espressament imur kontra dak li tiddisponi l-ligi u li tkun rilevanti ghandha tithalla.
(viii) Illi dan ir-rifjut da parti tal-Qorti Kriminali ghandu wkoll jigi ezaminat fid-dawl ta’ diversi decizjonijiet ohra li l-istess Qorti hadet u li diga` sar ilment dwarhom aktar ’il quddiem f’dan ir-rikors, u cioe` l-esebizzjoni ta’ certifikati medici li la kienu gew ipprezentati waqt il-kumpilazzjoni u lanqas ma kienu gew imsemmija u/jew esebiti fil-lista ta’ dokumenti tal-Prosekuzzjoni u x-xiehda ta’ zewg tobba li la xehdu fil-kumpilazzjoni u li lanqas ma gew indikati fil-lista ta’ xhieda tal-Prosekuzzjoni u li sahansitra wahda minnhom giet mahtura wkoll bhala espert u dan nonostante li din kienet ezaminat lill-allegata vittma bhala l-klijenta privata taghha.”

**17.** Din il-Qorti ezaminat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta’ GH u sejjer jigi riprodott dan il-bran:

“Difiza: Tatek kopja [tad-Dok. TW], issa nghid sew illi inti fuq din il-karta li mort taghti lill-Ispettur [ir-rinunzja] anke mort tipprova tkellem almenu lill-Attorney General? Attorney General taf x’inhu?

“Xhud: X’inhu Attorney General?

“Difiza: Il-Palazz hemm post

“Xhud: Iva mort.

“Qorti: Stenna daqsxejn, stenna ftit.

“Pros: Jekk qed nimxu mad-data li qed tinsisti fuqha l-Qorti hawnhekk qed naqbzu l-parametri.”

Jigifieri x-xhud GH kienet lehqet wiegbet id-domanda jekk kinitx “ipprovat” tkellem xi hadd mill-Ufficcju ta’ l-Avukat Generali. Pero` hawn trid isir referenza ghad-decizjoni li ttiehdet mill-ewwel Qorti fit-2 ta’ Novembru 2009 qabel ma nhatar il-guri, u fuq osservazzjoni tad-difiza:

**“Dr. Mifsud irrileva fit-tielet lok li x-xhieda li pproduciet il-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-plegg m’ghandhomx jaghmlu parti mill-kawza f’dan l-istadju tal-process billi l-akkuzat qatt ma kellu opportunita` jirribadihom permezz ta’ xhieda u lanqas inghata digriet dwarha. Dan apparti mill-fatt li hemm xhieda li m’ghandha x’taqsam xejn mal-akkuzat. Barra minn hekk gie esebit certifikat mediku tat-tabib Portelli li ma giex mahluf.**

**“Dr. Sant tghid li dawn il-punti misshom tqajmu fl-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari mill-avukat li kien qed jippatrocinja lill-akkuzat dak iz-zmien.**

**“Dr. Sant irrispondiet li dawk ix-xhieda ma gewx prodotti biss ghall-fini tal-plegg imma jistghu jirriflettu fuq il-kredibilita` tax-xhieda.**

**“Il-Qorti wara li rat l-artikolu 646 tosserva li verament hemm xhieda li ngabu fit-trattazzjoni tar-rikors tal-plegg illi ma ghandhomx rilevanza diretta ghall-mertu kontenut fil-Kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza, pero` peress illi xi avvenimenti hemmhekk imsemmija jista’ jkollhom rilevanza ghall-fatt ta’ xi rinunzja li saret u ghall-bidla li saret fil-verzjoni tal-minorenni fl-istqarrija li tat lill-pulizija fis-6 ta’ Lulju 2005, bhala linja generali ser tammetti tali prova biss ghal incidenti li graw qabel din l-ahhar data billi jistghu jispjegaw ghaliex f’dik id-data il-minuri tat dik il-verzjoni u ghaliex ukoll omm il-minuri GH kienet irtirat il-kwerela fil-5 ta’ Lulju 2005.”**

**18.** Meta ghalhekk qam l-incident fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2009 dwar il-mistoqsija lix-xhud jekk marritx ghand l-Avukat Generali, sar dan il-verbal:

**"Wara li l-Qorti fl-assenza tal-gurati staqsiet lil Dr. Mifsud x'inhi r-rilevanza tad-domanda dwar jekk marritx ghand l-Avukat Generali biex twaqqaf il-proceduri u Dr. Mifsud wiegeb li ghax aktar qabel fix-xiehda taghha mistoqsija jekk ghamlitx xi haga ohra qalet li ma ghamolet xejn, il-Qorti invitatu biex ma jaghmilx din id-domanda ghax allura mbaghad il-prosekuzzjoni tista' tinghata l-fakulta` li ggib il-prova ta' xi incidenti bejn il-familja tal-akkuzat u omm il-vittma allegata u l-vittma allegata li graw wara s-6 ta' Lulju 2005.**

**"Dr. Sant spjegat illi jista' jaghti l-kaz li meta marret ghand l-Avukat Generali, jekk marret, dan kien ir-rizultat ta' xi incidenti sussegwenti li graw bejn il-familja ta' l-akkuzat u l-vittma allegata u ommha.**

**"Dr. Mifsud jghid li incidenti li setghu graw bejn persuni ohra li mhumiex l-akkuzat u l-vittma allegata u l-familja taghha mhumiex rilevanti ghall-kaz u l-prova taghhom tmur kontra l-interessi tal-amministrazzjoni tal-gustizzja.**

**"Il-Qorti, wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukati tiddeciedi li din id-domanda m'ghandhiex issir lix-xhud."**

**19.** Kif inghad, id-domanda jekk GH ippruvatx tmur ghand l-Avukat Generali kienet diga` saret u mwiegba fl-affermattiv minn GH. Din il-Qorti mbaghad tinnota illi fir-rikors ta' appell l-appellant ma jaghti ebda hjiel ta' x'mistoqsijiet ulterjuri ried jaghmel lil GH salv li jghid li ried jaghmel "domandi sussegwenti bazati fuq it-twegiba tax-xhud". Fi kwalunkwe kaz, id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet in linja mad-digriet li kienet tat fit-2 ta' Novembru 2009. Inoltre, kif ser naraw, marritx ix-xhud jew le ghand l-Avukat Generali ma seta' jimpingi bl-ebda mod fuq it-

tkomplija tal-proceduri. Ghalhekk anke dan l-ilment huwa respint.

**20.** IT-TIELET ILMENT: L-appellant jilmenta li la fil-parti espozittiva u lanqas fil-parti akkuzatorja ta’ l-Att ta’ Akkuza ma saret referenza ghall-fatt li l-akkuzat fiz-zmien ta’ l-allegat reat kien persuna minorenni (fatt li johrog mid-data ta’ l-att tat-twelid tieghu fl-istess Att ta’ Akkuza), u dan meta l-ligi stess tispecifika li kull skuza ghandha tigi msemmija fl-Att ta’ Akkuza. Oltre dan, isostni l-appellant, la fil-parti espozittiva u lanqas fil-parti akkuzatorja u lanqas fil-parti fejn jissemmew l-artikoli tal-ligi ma saret ebda referenza ghal dak li l-ligi taghmel bhala kundizzjoni *sine qua non* fil-kaz ta’ akkuzi ta’ dan it-tip, u cioe` referenza ghall-kwerela tal-parti leza jew ghad-dispost tal-ligi li tawtorizza lill-prosekuzzjoni biex tkun tista’ tipprosegwixxi anke fin-nuqqas ta’ rinunzja jew fil-kaz ta’ rinunzja tal-parti leza.

**21.** Issa, fis-seduta tat-2 ta’ Novembru 2009 il-punt dwar l-eta` ta’ l-appellant tqajjem ukoll quddiem l-ewwel Qorti mid-difensur ta’ l-appellant u dik il-Qorti ddisponiet hekk:

**“Il-Qorti osservat li kif qalet il-prosekutur, dan il-fatt johrog implicitament mid-data tat-twelid tieghu fl-occhio tal-Att tal-Akkuza kif ukoll mill-fatt illi fl-artikoli citati mill-Avukat Generali fiz-zewg Kapi jissemma l-artikolu 37.**

**“In vista ta’ dan il-Qorti ma tarax li hemm xi lok li jissemma espressament fl-Att tal-Akkuza li l-akkuzat kien ghadu minorenni, b’dan pero` li dan il-fatt jista’ liberament jissemma mill-avukati fis-sottomissjonijiet taghhom lill-gurati.”**

**22.** Skond l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali, l-Att ta’ Akkuza ghandu jsemmi, *inter alia*, ic-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi u fil-fehma ta’ l-Avukat Generali, jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena. Ovvjament il-fatt li l-appellant kien ghadu minorenni meta sehhew l-allegati reati jwassal ghal tnaqqis fil-piena, u allura kien ikun ahjar li jissemma specifikatament fiz-zewg Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza. Pero`,

kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, li l-appellant kien ghadu minorenni xorta jirrizulta mid-data tat-twelid tieghu li tnizzel fl-*occhio* tal-kawza u inoltre fiz-zewg Kapi l-Avukat Generali ghamel referenza ghall-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghal tnaqqis fil-piena minn grad sa tnejn fil-kaz ta' min ikun ghalaq l-erbatax-il sena izda mhux it-tmintax-il sena. Jigifieri l-appellant ma seta' jsofri l-ebda pregudizzju bil-fatt li fiz-zewg Kapi ma ntqalx b'mod specifiku li kien minorenni fiz-zmien in kwistjoni. Wara kollox il-gurati ma kellhomx jiddeciedu jekk kienx minorenni izda jekk wettaqx ir-reati addebitati lilu.

**23.** Dwar li ma saret ebda referenza ghal kwerela jew ghal xi disposizzjoni tal-ligi li tawtorizza lill-prosekuzzjoni anke f'kaz ta' rinunzja, din il-Qorti tirreferi mill-gdid ghall-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru 2009 quddiem l-ewwel Qorti:

**"Dr. Mifsud irrileva illi dawn iz-zewg akkuzi jehtiegu kwerela tal-parti leza jew tal-persuna li jkollha l-kura u kustodja tal-istess u f'dan il-kaz jirrizulta mid-dokumenti esibiti mid-difiza illi hemm rinunzja tal-kwerela u ghalhekk allura l-proceduri ma ghandhomx ikomplu jitmexxew 'il quddiem.**

**"Il-Qorti tosserva illi l-post fejn allegatament graw uhud mill-incidenti msemmija fl-ewwel u fit-tieni Kap seta' kien post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku u allura dawk ir-reati setghu kienu akkumpanjati b'reati jew reat kontra l-ordni pubbliku f'liema kaz skond l-artikolu 203 *proviso* a [*recte:* (3)(a)] u l-artikolu 544 tal-Kap. 9 il-kawza tista' timexxa dejjem *ex ufficio* mill-pulizija rrispettivament mill-kwerela tal-parti leza. Ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza f'dan l-istadju, b'dan li d-difiza tkun libera li tissottometti li f'dan il-kaz m'ghandux japplika l-*proviso* a ta' l-artikolu 203 u l-artikolu 544, fuq liema punt ta' fatt imbaghad ikunu jridu jiddeciedu l-gurati jekk jigu mitluba mid-difiza biex jiddeciedu dwaru."**

**24.** Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-ewwel Qorti ddecidiet korrettement u ghalhekk m’hemmx lok li jigi kkunsidrat ulterjorment l-ilment ta’ l-appellant. Konsegwentement l-ewwel aggravju hu respint *in toto*.

**25.** Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tieghu l-appellant jghid illi anke jekk il-gurati gew ben indirizzati, ma setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghas-sejbien ta’ htija tieghu peress illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova ghas-sodisfazzjon taghhom il-htija ta’ l-appellant sal-grad tal-konvinciment morali jew minghajr ebda dubju dettat mir-raguni. L-appellant jissottometti:

“i) Illi l-ewwelnett, hu stramb hafna illi CD tkellmet fuq dak li allegatament gralha aktar minn hames snin wara l-akkadut meta matul dan il-perijodu din baqghet tiffrekwenta regolarment id-dar tan-nanniet f’Santa Lucija u l-akkuzat kien jiffrekwenta regolarment id-dar t’ommha f’Birzebbugia. Anke jekk wiehed jasal ghal biex jargumenta illi qabel ma din giet mghallma fl-iskola dwar l-atti sesswali din ma kinitx taf bil-hazen ta’ dawn l-affarijiet, jirrizulta li xorta wahda kien hemm perijodu ta’ aktar minn sena bejn meta din tghallmet dwar is-sess u li tkellmet ghall-ewwel darba mal-habiba taghha. Aktar stramb hu l-fatt li filwaqt li GH giet infurmata immedjatament wara li t-tifla taghha tkellmet ma’ habibtha li immedjatament infurmat lil ommha, u dan fis-sajf tas-sena 2003, l-ebda passi ma ttiehdu, lanqas f’forma ta’ xi informazzjoni lin-nanniet materni tat-tifla, sa madwar Marzu 2004. Fil-fatt bejn is-sajf tas-sena 2003 u Marzu tas-sena 2004 filwaqt li t-tifla baqghet tiffrekwenta regolarment id-dar tan-nanniet, l-akkuzat baqa’ jiffrekwenta b’mod regolari d-dar t’ohtu GH, fejn CD kienet tabita.

“ii) Illi l-gurati sabu htija taht it-Tieni Kap anke dwar l-allegat att sesswali f’karozza ta’ kulur ahmar f’Hal-Far meta ma rrizultax li l-akkuzat qatt saq xi karozza fit-triq fiz-zmien rilevanti, meta l-akkuzat ma setax kellu licenzja tas-sewqan u meta l-karozza hamra ta’ missier l-akkuzat, wiehed mill-elementi li fuqhom jidher li l-Ispettur Sharon Tanti emmnet lit-tifla, ma kinitx tezisti ghand il-familja KL fiz-zmien ta’ l-allegat akkadut. Ic-cirkostanzi kollha

konnessi ma’ din l-allegazzjoni pjuttost isostnu t-tezi ta’ l-akkuzat li dan l-incident ma gara qatt.

“iii) Illi jekk l-akkuzat mhux hati ta’ dan l-allegat reat certament illi ma tezistix il-kwalifika tar-reat kontinwat peress illi dak li l-aktar li seta’ jirrizulta mill-provi fir-rigward ta’ dan il-Kap huma zewg reati, li skond CD stess huma dak li gara fil-karozza f’Hal-Far u l-iehor fil-kamra tas-sodda ta’ l-appartament fejn kien jabita l-akkuzat. Fir-rigward tal-fatti msemmija taht dan il-Kap, oggett tar-reat kontinwat addebitat lill-akkuzat taht l-Ewwel Kap, ir-reat imsemmi taht dan it-Tieni Kap hu assorbit mir-reat kontinwat taht l-Ewwel Kap.

“iv) Illi l-gurati sabu htija wkoll taht it-Tieni Kap ta’ att sesswali li allegatament gara fil-kamra tas-sodda ta’ l-appartament. Anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument il-gurati setghu ragonevolment jaslu ghal din il-konkluzjoni, jekk ma setghux ragonevolment jaslu ghal sejbien ta’ htija dwar l-allegat kaz li sehh fil-karozza f’Hal-Far, stante r-rinunzja tal-parti leza (f’dan il-kaz omm it-tifla) allura l-akkuza taht it-Tieni Kap legalment ma treggix u dan ukoll peress illi l-fatti addebitati lill-akkuzat taht dan il-Kap huma assorbiti fil-fatti addebitati lill-akkuzat taht l-Ewwel Kap.

“v) Illi fi kwalsiasi kaz, dwar il-kaz li allegatament gara fl-appartament hemm ir-rinunzja u allura l-kwalifika tar-reat kontinwat ma tissussistix.

“vi) Illi l-gurati sabu htija wkoll fl-akkuzat li dan kellu kongungiment karnali meta l-allegata vittma kellha 7 snin.

“vii) Illi ghalkemm CD allegat li kienet hasset ugiegh, qatt qabel ma xehdet fil-guri ma semmiet li hasset jew rat xi demm u dan kemm fl-istqarrija bil-miktub li kienet ghamlet lill-Pulizija u kemm waqt is-smiegh tal-kumpilazzjoni. L-ewwel darba li din semmiet qatra demm kien wara li xehdu t-tobba waqt il-guri u cioe` wara li d-Dottoressa Astrid Camilleri qalet li bilfors f’dawn ic-cirkostanzi johrog id-demm. Hu verosimili illi f’dawn ic-cirkostanzi tifla bhal din ma thossx demm ma kuxtejha u ma tara l-ebda demm u tara biss qatra demm mal-*panty*? Anke f’dan ir-rigward

it-tifla hi kontradetta minn ommha stess li tghid li kienet rat qatra demm mal-*panty* meta t-tifla kellha xi 8 snin u meta staqsiet lit-tabib dan qalilha li dak kien ta’ l-izvilupp.

“viii) Hu verosimili illi guvnott ta’ 17-il sena jista’ jkollu kongungiment karnali ma’ tifla ta’ 7 snin filwaqt li din tkun mimduda b’dahrha ma’ l-art u bil-qalziet tat-*track-suit* u l-qalziet ta’ taht (*panty*) imnizzlin sa rkubtejha biss?

“ix) Hu verosimili illli tifla ta’ 7 snin li jkollha kongungiment karnali u tkun hasset l-ugiegh, wara l-att, ghal diversi drabi, ikun qisu ma’ gara xejn?

“x) Hu verosimili illi tifla ta’ 7 snin, li ma taf xejn dwar atti sesswali (skond hi saret taf mill-iskola meta kellha xi 11/12-il sena) u li tkun mugugha b’mod li tifla zghira ta’ 7 snin ghandha tkun mugugha f’cirkostanzi bhal dawn, mhux biss ma tghid xejn lin-nanna u lanqas lil ommha dwar l-ugiegh imma wkoll la n-nanna u lanqas ommha ma jindunaw b’xejn?

“xi) Illi lanqas ma jghin lill-verzjoni tat-tifla f’dak li din tallega b’dak li xehdet it-tabiba Dottor Astrid Camilleri u cioe` li ghalkemm sabet li t-tifla ma kinitx *virgo intacta* ma setghetx tghid jekk din ma baqghetx *virgo intacta* anke minn sena biss qabel ma ezaminatha. Jew dan hu kaz fejn din it-tifla, meta ma baqghetx *virgo intacta*, u dan seta’ gara u kif inhu wisq probabbli li gara, anke hafna wara li din kienet ghalqet is-seba’ snin u biex din tghatti ghal xi hadd qabdet u wahhlet intortament fl-akkuzat kif wara kollox ammettiet hi stess mal-Ispettur Sharon Tanti kemm verbalment u fl-istqarrija taghha bil-miktub tas-6 ta’ Lulju 2005?

“xii) Illi t-tifla allegat illi l-atti ta’ fuq il-bejt jew fl-indana li taghti ghal bjut kienu jsiru wara li l-akkuzat kien jistedinha biex tmur mieghu halli jaghlfu l-hamiem ta’ fuq il-bejt meta fil-fatt irrizulta illi l-familja KL qatt ma kellha hamiem fuq il-bejt. Dan fil-fatt kien l-element l-iehor, minbarra dak tal-karozza l-hamra, li l-Ispettur Sharon Tanti riedet tivverifika biex tara lil min temmen, jekk hux lit-tifla jew lill-akkuzat.

“xiii) Illi qabel ma saru l-allegati atti sesswali fuq il-bejt jew fl-indana qabel ma tidhol fuq il-bejt it-tifla daqqa allegat li kien ikun hemm fl-appartament hu l-akkuzat, li jismu Jason, u daqqa allegat li fl-appartament ma kien ikun hemm hadd. X’inhi l-verita`? Din hi wahda mill-kontradizzjonijiet ta’ CD li jista’ jkollha sinifikat kbir.

“xiv) Illi t-tifla allegat li meta dawn l-atti sesswali waqfu, fl-istess sajf li kienu bdew u li gie mmedjatament wara li kienet ghamlet il-precett, u allura meta kellha 7 snin, hi ma baqghetx tmur ghand in-nanna f’Santa Lucia kif kienet taghnmel qabel. Fil-fatt irrizulta li din baqghet tmur regolarment ghand in-nanna fil-*week-ends* sa gimgha qabel ma omm it-tifla, f’Marzu 2004, irrakkuntat lill-genituri taghha dak li kienet allegat it-tifla u allura sakemm din kellha madwar 13-il sena. X’inhi l-verita`? Din hi kontradizzjoni ohra ta’ GH li jista’ jkollha sinifikat kbir.

“xv) Illi dawn ic-cirkostanzi kollha filwaqt li jdghajfu l-verzjoni ta’ CD isahu t-tezi ta’ l-akkuzat li dak kollu li qed tallega t-tifla fuqu mhu minnu xejn.

“xvi) Illi hu minnu li x-xiehda ta’ xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika l-fatt, hi bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox daqs kemm keku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Imma dan dejjem sakemm min ghandu jiggudika fuq il-fatt josserva d-diversi regoli tal-buon sens u li l-ligi stess issemmi, bhalma huma jekk ix-xiehda hix msahha minn xhieda ohra jew hix kontradetta anke dwar cirkostanzi li ma jkunux direttament dwar l-allegat akkadut, il-konsistenza, il-verosimiljanza u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jinkludu wkoll provi indizjarji. Jekk il-gudikant tal-fatt jonqos milli josserva dawn ir-regoli fil-valutazzjoni tax-xhieda, ma jistax jinghad illi jkun wasal ghal konkluzjoni tieghu b’mod ragonevoli. Jidher car li f’dan il-kaz, dawk il-gurati li sabu htija fl-akkuzat jew m’ghamlux dan l-ezercizzju jew inkella m’ghamluhx b’mod tajjeb.

“xvii) Illi fil-provi, ghajr ix-xiehda ta’ CD, m’hemm assolutament xejn li jorbot lill-akkuzat ma’ l-akkuzi lilu addebitati. Mill-banda l-ohra, fix-xiehda ta’ CD hemm

cirkostanzi li huma inverosimili u kif ukoll diversi kontradizzjonijiet. Inkluza l-istqarrija taghha stess lill-Ispettur Sharon Tanti tas-6 ta’ Lulju 2005 u biha mhux biss skulpat kompletament lill-akkuzat izda li fiha tat ukoll raguni ghalfejn kienet gidbet fuq l-akkuzat. Qalet ukoll li kienet taf x’kienu l-konsegwenzi talli kienet gidbet fuqu bil-gurament u li kienet lesta li thallas ghal hazin li kienet wettqet.

“xviii) Illi mill-banda l-ohra, mhux talli m’hemm l-ebda indizju jew xi cirkostanza ohra li jorbtu lill-akkuzat ma’ l-akkuzi lilu addebitati izda talli wkoll dak kollu li l-akkuzat qal jew stqarr kemm bil-fomm u kif ukoll bil-miktub dwar dan il-kaz ma jqanqal l-ebda dubbju li dan mhux qed jghid il-verita kollha.

“xix) Illi ghalhekk tohrog b’mod naturali l-mistoqsija: il-gurati kellhom xi raguni ghaliex ma jemmnux lill-akkuzat? U jekk dawn ma kellhom l-ebda element biex jiskartaw il-verzjoni ta’ l-akkuzat, dawn kienu ragonevolment intitolati li jiskartaw il-verzjoni tieghu? B’liema buon sens u dritt il-maggoranza tal-gurati waslu biex jiskartaw ghal kollox verzjoni li dwarha ma kien hemm l-ebda prova kuntrarja, ghajr ix-xiehda ta’ CD, li giet ippruvata li f’okkazjoni jew f’ohra zgur li gidbet dwar ic-cirkostanzi, u b’hekk skartaw ghal kollox il-verzjoni ta’ l-akkuzat?

“xx) Illi fil-kaz odjern, anke jekk dawk il-gurati li sabu htija fl-akkuzat eliminaw dak kollu li setghu jwassluhom biex ma joqoghdux fuq ix-xiehda ta’ CD, u ghalhekk tawha kredibilita`, fl-aghar ipotesi ghall-istess akkuzat, dak li l-aktar dawn setgh ragonevolment jaslu ghalih kie li ma setghu jaslu ghal ebda konkluzjoni dwar lil min kellhom jaghtu kredibilita`, u dan naturalment sakemm dawn uzaw riga biex ikejlu u mhux il-lastku. Imma anke f’din l-ipotesi, u cioe` li l-gurati ma setghux ragonevolment jaslu ghal konkluzjoni dwar lil min jemmnu, il-gurati suppost li kellhom jaslu ghall-konkluzjoni ragonevoli li kellhom dubbju ragonevoli u li kellu jmur favur l-akkuzat.

“xxi) Illi jidher car li f’dan il-kaz il-konvjinzjoni ta’ dawk il-gurati li sabu htija fl-akkuzat kienet wahda hafna aktar

bazata fuq pregudizzju milli fuq il-provi u fuq il-principji legali. Hu minnu illi l-fatti msemmija fl-att ta' akkuza jgibu ribrezz f'kull min hu ta' l-affari tieghu, bhalma l-esponent jidhirlu li huma l-gurati f'dan il-kaz, izda dan dejjem jibqa' pregudizzju.

"xxii) Illi jidher car ukoll illi ghalkemm il-gurati afferraw tajjeb dak li tghid il-ligi li huma supremi fidd-ecizjoni taghhom dwar il-fatti, naqsu li jafferraw tajjeb il-principji fundamentali tal-process kriminali u cioe` li mhux biss li l-akkuzat m'ghandu ghalfejn jipprova xejn u hi l-prosekuzzjoni li ghandha l-piz li tippruvalhom l-akkuzi taghha kontra l-akkuzat u li dan ghandha taghmlu sal-grad l-aktar umanament possibbli, u cioe` dak tal-konvinzjoni morali jew minghajr eda dubbju dettat mir-raguni, u dan fuq dak li gie prodott bhala provi waqt il-process u li skond il-ligi jiswew bhala prova, izda wkoll illi f'kaz ta' dubbju ragonevoli dan ghandu jmur a favur l-akkuzat.

"xxiii) Illi l-esponent jissottometti bir-rispett kollu li meta din l-Onorabbli Qorti tezamina  bir-reqqa kollha l-atti kollha processwali f'din il-kawza, ghandha tasal ghal konkluzjoni li l-gurati ma kellhomx legalment u ragonevolment jaslu ghal konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha."

**26.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[1]. In

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000,  **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April

ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi <u>kollha</u> migjuba.

(ii) Il-gurati li, irid jigi sottolineat, kellhom il-vantagg li <u>jaraw u jisimghu</u> x-xhieda kollha, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta" fattizzi ohra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, waslu ghal verdetti ta' htija dwar iz-zewg kapi ta' l-att ta' akkuza izda minghajr l-aggravanti li r-reat gie kommess minn axxendent.

(iii) B'referenza ghall-irtirar tal-kwerela minn GH, jirrizulta illi fis-6 ta' Lulju 2005 GH ipprezentat dikjarazzjoni lis-Supt. Sharon Tanti (allura Spettur) li permezz taghha rtirat il-kwerela kontra l-appellant. Din il-kwerela setghet tapplika biss in kwantu jirrigwarda l-akkadut rakkontat minn CD fil-kamra tas-sodda ta' l-appellant. Dwar dak li rrakkontat li gara f'Hal-Far ma jistax japplika peress illi dak li qalet li sehh, sehh f'post pubbliku filwaqt illi lanqas ma jista' japplika ghal dak li qalet li gara fil-partijiet komuni ta'

---

2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

l-appartamenti fejn kien joqghod l-appellant peress illi l-partijiet komuni huma partijiet accessibbli ghal persuni ohra, allura ghall-pubbliku. Jekk il-gurati setghu jsibu htija dwar dak li gara f'Hal-Far u dak li gara fil-partijiet komuni ta' l-appartamenti, allura jezisti hawn ukoll ir-reat kontinwat peress illi skond dak li rrakkontat CD, minbarra l-istupri kien hemm ukoll atti li jammontaw ghal atti di libidine.

(iv) Kwantu ghad-diskrepanzi senjalati mid-difiza, jigi premess illi mhijiex xi haga insolita li jkun hemm diskrepanzi fix-xiehda moghtija fi zminijiet differenti specjalment meta jkun iddekorra hafna zmien. Fil-kaz ta' CD jidher, pero`, illi r-rakkont taghha dwar id-diversi incidenti fejn allegatament l-appellant abbuza minnha b'modi differenti baqa' bazikament konsistenti. Dan jirrizulta minn dak li qalet lis-Supt. Sharon Tanti, lill-habiba taghha MN, lill-mama` taghha GH u minn dak li xehdet fil-Qorti.

(v) Ma hemm xejn stramb fil-fatt illi bejn l-allegati atti u meta t-tifla tkellmet, hi flimkien ma' ommha baqghu jiffrekwentaw id-dar tan-nanniet u li l-appellant baqa' jiffrekwenta d-dar ta' ohtu. Galadarba CD ma kinitx tkellmet, ma kien hemm xejn x'izomm milli jsiru dawn il-viziti. Interessanti pero` huwa l-fatt li meta kienet qed tixhed GH, hija qalet illi bintha kienet qaltilha li ma riditx tmur ghand in-nanna izda ma qaltilhiex ghaliex. U dan kien wara l-precett *"meta kellha forsi eight xi haga hekk"*.[2] CD tinsisti illi xi gimaghtejn wara li sar l-ahhar incident, waqfet tmur ghand in-nanna.[3] Din il-Qorti lanqas ma tara xejn stramb f'li ghadda certu perijodu minn meta saret taf bil-hazen ta' dawn l-affarijiet f'lezzjonijiet tal-PSD l-iskola u li fethet qalbha mal-habiba taghha MN peress illi huwa verosimili li CD baqghet tahseb ghal xi zmien dwar dak li qalet li kien gara qabel ma rabbiet il-kuragg biex tiftah halqha. Mix-xiehda ta' MN imbaghad ma jidhirx li kienet ghaddiet sena: *"CD kellha xi lesson tal-PSD u qaltli biex tghidli xi haga."*[4] Inoltre, kuntrarjament ghal dak li jghid l-

---

[2] Traskrizzjoni tax-xiehda ta' GH, p. 24 – 25.
[3] Traskrizzjoni tax-xiehda ta' CD, p. 78.
[4] Traskrizzjoni tax-xiehda ta' MN, p. 6.

appellant, mix-xiehda ta’ GH jirrizulta illi hija nfurmat mill-ewwel lil missierha u ma hallietx ix-xhur jghaddu. U EF xehed illi dakinhar stess kellem lil Darren KL, hu GH, biex imur maghhom ha jkellmu lil missier GH. Dwar fejn u meta nghatat l-informazzjoni lil GH, jirrizulta li dan sar minn omm MN fid-dar ta’ villeggjatura ta’ l-istess familja Attard fejn MN tghid li kienu ghamlu xi erba’ snin shah joqoghdu. Doris Attard u MN jghidu li kien fis-sajf meta CD ghamlet l-allegazzjonijiet li ghamlet dwar l-appellant. GH tghid illi saret taf bl-istorja xi xahrejn jew tlieta qabel ma marru l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. CD kellha l-inkontru mal-Maggur Josephine Gauci fl-24 ta’ Mejju 2004. Jigifieri jekk GH saret taf xi xahrejn jew tlieta qabel, dan ma kienx fis-sajf zgur. CD tghid illi fethet halqha meta kellha *“qisu thirteen, kont ha naqleb ghal fourteen”*[5], u ghalkemm hin minnhom tghid li kien “qisu fil-bidu tas-sajf”[6], aktar tard tghid li ma kinitx certa jekk hux fis-sajf jew fix-xitwa.[7] Peress illi twieldet fl-24 ta’ Marzu 1991, jirrizulta illi kienet ilha xahrejn biss li ghalqet it-tlettax-il sena meta marret ghand il-Pulizija. Ghalhekk huwa evidenti li kienet zbaljata dwar meta “fethet halqha”. Li “fethet halqha”, pero`, huwa cert u jekk dan kienx fis-sajf jew fix-xitwa fil-fehma ta’ din il-Qorti huwa rrilevanti ghax dak li l-gurati kellhom jaraw kien jekk CD setghetx titwemmen li l-appellant ghamel dak li kien qieghed jigi akkuzat li ghamel fil-perijodu rilevanti.

(vi) Il-fatt li persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan mhux necessarjament teskludiha milli ssuq karozza. Bosta huma dawk il-kazijiet ta’ nies li jinqabdu jsuqu minghajr licenzja tas-sewqan jew minghajr ma l-vettura tkun assikurata (harsa lejn il-fedina penali aggornata ta’ l-istess appellant turi, almenu *prima facie*, illi huwa stess instab hati li saq vettura mhux licenzjata u mhux koperta b’assikurazzjoni fi tliet okkazjonijiet separati wara dan il-kaz). Huwa minnu illi missieru fi zmien l-allegat reati ma kellux aktar registrata f’ismu l-Metro hamra (mill-provi rrizulta li missier l-appellant kellu Metro hamra registrata f’ismu li ttrasferixxa fl-10 ta’ Marzu 1997). Izda certament

[5] Traskrizzjoni tax-xiehda ta’ CD, p. 13.
[6] *Ibidem* p. 81.
[7] *Ibidem* p. 83 – 85.

dik mhijiex l-unika karozza hamra f'Malta. Mix-xiehda ta' EF jirrizulta illi hu jahdem ta' mekkanik u l-appellant kien jaghmillu xi qadi. Jghid li meta dan kien itella' lill-appellant (meta kien ghadu tifel) mieghu r-razzett, kien "iharrighom naqra" ... "gol-maghluq".[8] Jigifieri l-appellant kien tghallem isuq ta' eta` zghira. U peress illi kien jaghmel xi xoghol ma' mekkanik kellu access ghal karozzi. CD tghid li l-karozza fejn sehh dak li hija qalet li sehh f'Hal-Far kienet f'isem in-nannu taghha. Din il-Qorti mhijiex se toqghod tispekula dwar ta' min kienet il-karozza. Kienx fil-karozza tan-nannu jew f'karozza ohra huwa immaterjali. Wara kollox hi qalet karozza hamra u ma ddeskrivietx il-mudell. Ghalkemm qalet li kienet karozza f'isem missier l-appellant, huwa ovvju li l-gurati qiesu li tifla ta' seba' snin ma kinitx se taghti kaz f'isem min kienet il-karozza in kwistjoni. Il-gurati kienu konvinti illi dak li spjegat CD verament sehh u din il-Qorti hi tal-fehma li setghet titwemmen minnhom meta ddeskriviet l-ghemil zieni li gie kommess "go karozza hamra f'Hal-Far".

(vii) L-appellant jissenjala dak li huwa jikkonsidra bhala inkonsistenza ohra fir-rigward tal-fatt illi qabel il-guri la GH u lanqas CD ma semmew li raw xi demm b'rizultat ta' l-allegati stupri. Issa, waqt il-guri xehdet Dott. Astrid Camilleri li ma kinitx xehdet waqt il-kumpilazzjoni ghalkemm kienet ezaminat lil CD fil-5 ta' Mejju 2004. Meta xehdet fil-guri qalet li meta jkun hemm l-att sesswali ma tifla zghira bilfors johrog id-demm ghax il-persuna tkun ghadha maghmula zghira hafna. L-appellant jghid illi la GH u lanqas CD qatt ma semmew demm qabel ma xehdu waqt il-guri. Dan huwa minnu, pero` certament ma jistax jinghad illi semmew id-demm waqt il-guri minhabba kuntatt ma' Dott Camilleri jew minhabba dak li xehdet Dott. Camilleri. L-ewwelnett ma kinux prezenti waqt li kienet qed tixhed Dr Camilleri. Inoltre meta xehdu fil-kumpilazzjoni fit-28 ta' Gunju 2005, kienet diga` ghaddiet aktar minn sena minn meta Dott Camilleri kienet ezaminat lil CD. Dan iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi biss li l-gurati setghu kkunsidraw illi dan il-fattur ma ssemmiex qabel minnhom minhabba raguni jew ragunijiet ben diversi minn

[8] Traskrizzjoni tax-xiehda ta' EF, p. 9 – 10.

dak suggerit mill-appellant. Irid jigi osservat illi GH qalet li meta osservat xi demm kienet hadet lil bintha ghand it-tabib li qallha li kien ta' l-izvilupp. Barra minn hekk hija xi haga ferm normali illi ezami u kontro-ezami f'guri jkunu aktar serrati milli waqt il-kumpilazzjoni.

(viii) Id-difensur ta' l-appellant jara inkonsistenzi ohra fir-rigward tal-post fejn saru l-allegati stupri. Waqt sottomissjonijiet orali qal illi fil-kumpilazzjoni CD xehdet li l-istupri saru fl-indana tat-tarag filwaqt illi fil-guri xehdet li tlieta minnhom saru fuq il-bejt. Effettivament l-unika diskrepanza hi li waqt il-kumpilazzjoni qalet li erba' darbiet fuq il-landing tal-bejt u waqt il-guri qalet li darba fuq il-bejt mhux tliet darbiet kif qal id-difensur ta' l-appellant. Dan fil-fatt jaqbel ma' dak li qalet fl-ewwel istanza fid-dikjarazzjoni taghha lill-Pulizija. Dwar l-ispavalderija ta' l-appellant, din il-Qorti tosserva illi min jabbuza mill-minorenni u min jikkometti atti ta' stupru fuqhom huwa certament spavald.

(ix) Dwar jekk setax ikun hemm il-coitus jew le ghax l-appellant jghid li CD qalet li kienet tnizzel il-qalziet sa rkobbejha, mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tezamina l-varji posizzjonijiet li jistghu jigu adottati u li jippermettu tali coitus anke kif deskritt minn CD. Fi kwalunkwe kaz, waqt il-guri dak li xehdet kien li l-appellant kien jghidilha tinza l-qalziet. Dwar li ma qalet xejn dwar l-ugiegh lin-nanna jew lil ommha, din il-Qorti nnutat li CD xehdet li l-appellant kien jheddidha li jitfaghha ghal isfel jekk titkellem. Fuq kollox wiehed irid ifakkar s-sensazzjonijiet konfliggenti li jkollhom tfal li jghaddu minn dawn l-esperjenzi trawmatici: sens ta' misthija, sens ta' kolpa, nuqqas li jifhmu sew dak li jkun qieghed jigri, ecc.

(x) L-appellant jissuggerixxi illi CD riedet tghatti ghal xi hadd u wahlet fl-appellant ghar-raguni li tat fl-i*statement* li ghamlet quddiem l-Ispettur Sharon Tanti fis-6 ta' Lulju 2005, cioe` li l-mama` taghha kienet taghti hafna attenzjoni lill-appellant u lilha kienet tittraskuraha. Hemm diversi fatturi pero` li minhabba fihom il-gurati setghu iqisu li dak li qalet CD fis-6 ta' Lulju 2005 ma kinitx il-verita`. Fl-istess *statement* per ezempju, mistoqsija jekk kellhiex *boyfriends* u x'taghmel maghhom, qalet li gieli kellha u li

ma taghmel xejn hlief joqoghdu jparlaw. Mistoqsija jekk kellhiex *first kiss* wiegbet: Le. Niddejjaq. Nitqazzez." Din it-twegiba wahedha tista' tkun sintomatika ta' esperjenza precedenti trawmatika. Imbaghad hemm ix-xiehda ta' GH li qalet li hadet lil bintha ghand l-Ispettur Tanti ghax rat li l-familja kienet tkissret. Qalet ukoll li t-tifla kienet qed tibki hafna ghax qaltilha biex taghmel *statement* differenti. Skond GH, meta rritornaw id-dar, bintha baqghet tinsisti li kienet qed tghid il-verita` dwar dak li kien gara. CD ukoll tinsisti fuq il-veracita` tal-verzjoni taghha. Mistoqsija ghaliex biddlet il-verzjoni qalet: *"Heqq ghax one geghluni l-familja tal-mummy, in-nannu; two mhux ghax ridt jien imma dakinhar qisni bhal speci x'ha naghmel, x'ha nipprova nghidilha lil Sharon Tanti, is-Supretendent Sharon Tanti u hekk jigifieri. In-nannu kien qalilha lill-mummy jekk ma twaqqafx il-kaz ma toqoghdx ghand in-nanna, il-mummy ma kellha mkien fejn toqghod meta kienet iggieldet mal-partner.*" Ikkonfermat illi ffirmat dik id-dikjarazjoni u dan *"bid-dmugh jigifieri. Ma ridtx ninfaqa` nibki quddiem Sharon Tanti ghax ma ridtx nuriha dak li kont qed inhoss go fija dak il-hin, u kienet iffirmat il-mummy ukoll."* Qalet ukoll: *"Quddiem il-mummy infqajt nibki kif konna fuq tal-linja, ghidtilha ma nafx ghala qed taghmluli hekk jigifieri jien."* Huwa verosimili li CD biddlet il-verzjoni minhabba l-pressjoni li saret fuqha u fuq ommha. Il-gurati ma setghux lanqas ma nnutawx is-segwenti dikjarazzjonijiet li ghamlet CD quddiemhom:

*"Ghax qisni kelli balla fuq l-istonku u hekk qisni bil-lejl, ghadni sallum il-gurnata naghlaq ghajnejja noqghod niftakar u hekk, qisni kont qed immarrad lil gismi u jien ghidt xi darba jew ohra rrid nghid lil xi hadd."* [9]

*"Jien per ezempju ha naghlaq sena gharusa. Meta jkolli x'naqsam mieghu nhossni skomda hafna jigifieri, ghax inhossni hekk nerga' ngedded il-memorji minn x'hiex ghaddejt jien, u hekk."* [10]

*"Xejn ma ninsihom qatt [dawk l-affarijiet li graw]."* [11]

---

[9] Traskrizzjoni tax-xiehda ta' CD, p. 14.
[10] *Ibidem* p. 72.
[11] *Ibidem* p. 72.

*"Jien li baqa' go mohhi l-kaz li gara lili mhux affarijiet ohra."* [12]

*"Iva u ma nista' nnehhihom xejn minn quddiem ghajnejja."* [13]

(xi) Dwar jekk kienx hemm hamiem jew sriedak jew it-tnejn go gallinar fuq il-bejt, hawn ghandna verzjonijiet kontrastanti. Minn naha l-appellant fl-istqarrija tieghu jghid li qatt ma kellu tjur fuq il-bejt. Missieru jghid illi kien hemm ghasafar god-dar fis-salott u serduk u papra ghal xi tliet xhur jigru fuq il-bejt, izda mhux fi zmien dak li rrakkontat CD. Mill-banda l-ohra CD[14], GH[15] u EF[16] lkoll jghidu li l-appellant kellu xi tjur. Hawn ukoll hija kwistjoni ta' kredibilita` u l-gurati setghu emmnu verzjoni u mhux ohra.

(xii) Dwar jekk Jason, hu l-appellant, kienx ikun prezenti fl-appartament dejjem jew le huwa rrilevanti. Jidher li kien hemm okkazjonijiet meta kien prezenti u ohrajn le. Dan ma jinfluwixxix fuq dak li l-gurati qiesu bhala l-verosimiljanza ta' dak li rrakkontat CD fil-konfront ta' l-appellant.

(xiii) Minn dan kollu huwa evidenti li s-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jemmnux ic-cahda li l-appellant ghamel fl-i*statement* tieghu ghax hemm cirkostanzi u provi ohra li huma kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu.

**27.** Konsegwentement it-tieni aggravju huwa michud.

**28.** It-tielet aggravju huwa dwar il-piena. L-appellant jghid li din kienet severa wisq meta jitqiesu s-segwenti fatturi:

---

[12] *Ibidem* p. 91.

[13] *Ibidem* p. 152.

[14] CD tghid li kellu l-gallinar tas-sriedak u tiegieg u hamiem – traskrizzjoni tax-xiehda taghha , p. 13.

[15] GH tghid li kellu l-hamiem go gagga zghira – traskrizzjoni tax-xiehda taghha, p. 11.

[16] EF jghid illi fuq il-bejt kien hemm zewg gallinari zghar u kien hemm "xi serduk u tigiega tal-kina, forsi kien ikollu xi hamiema" – traskrizzjoni tax-xiehda tieghu, p. 8.

“i) Ghalkemm dawn ir-reati kienu maghrufa ghall-vittma sa mill-bidu nett li sehhew ghadda perjodu twil ta’ madwar sitt snin qabel ma dawn gew migjuba a konjizzjoni tal-awtoritajiet, inkluzi dawk tal-Pulizija Ezekuttiva.

“ii) Il-Pulizija Ezekuttiva damet sena shiha biex tinvestiga qabel ma ressqet lill-akkuzat fil-Qorti.

“iii) Illi meta sehhew ir-reati l-akkuzat kien ghadu minorenni.

“iv) Illi l-kwerela giet irtirata.

“v) Illi meta jghaddu s-snin minn fuq xi hadd li jkun gahdu zghir fl-eta` dan ikun diga` ha certi decizjonijiet f’hajtu li s-snin twal fil-habs jharbtu ghal kollox.

“vi) Qabel ma sehhew dawn ir-reati l-fedina penali tal-akkuzat kienet wahda nettissima.

**29.** Issa, dawn il-fatturi li ssemew mill-appellant kollha kienu a pjena konjizzjoni ta’ l-ewwel Qorti u l-piena giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti. Certament il-piena hi sew fil-parametri tal-ligi meta tqis illi l-piena massima li seta’ jigi kkundannat ghaliha hija ta’ tlieta u ghoxrin sena prigunerija. Ikkunsidrati c-cirkostanzi kollha tal-kaz fil-fatt din il-Qorti ma ssibx li l-piena hija *“wrong in principle”* jew *“manifestly excessive”*. Bhalma jintqal f’**Blackstone’s Criminal Practice 2004**:

**“The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ‘This court**

**will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [17]

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena ta' prigunerija.

**30.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[17] Page 1695, para. D23.45